**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t’Inibizzjoni Nru **492/2022 (AD)**

**BIRDLIFE MALTA (V.O. 0052)**

**VS**

**IL-PRIM MINISTRU**
**IL-MINISTRU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA,**
**IL-MINISTRU GĦAL GĦAWDEX, U**
**IT-TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara:

    a. talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni permezz ta’ rikors ta’ BirdLife Malta datat ħdax (11) t’April 2022, u risposta tal-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministru għal

Għawdex u t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi datata tlettax (13) t'April 2022, u

b. rikors tal-BirdLife Malta datat tlettax (13) t'April 2022 fl-atti tal-istess mandat t'inibizzjoni b'talba għal rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal sentenza preliminari urġenti ai termini tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u risposta tal-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministru għal Għawdex u t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi datata erbatax (14) t'April 2022;

**Preliminari**

*2.* B'rikors preżentat nhar il-ħdax (11) t'April 2022, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, ir-rikorrenti BirdLife Malta (minn issa 'l quddiem *"l-għaqda rikorrenti"*) talbet lil din il-Qorti sabiex, *"[T]ordna s-sospensjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet kollha tal-Avviż Legali 116 tas-sena 2022, kif ġie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 20,830 tat-tmienja (8) t'April 2022 (u li jġib l-isem "Regolamenti tal-2022 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2022 għall-Gamiem u s-Summien"), li jawtorizzaw il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem bejn is-17 ta' April u t-30 ta' April 2022, ossija s-sospensjoni tar-regolamenti 3, 4 u 5 tal-istess Avviż Legali safejn huma jirreferu għall-kaċċa tal-gamiem, u/jew tirrendihom bla ebda effett fil-fatt u fil-liġi".* In oltre, l-għaqda rikorrenti talbet wkoll illi, *"[L]-intimati jiġu ordnati li ma jiftħux l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għas-sena 2022 fuq l-ispeċi* Streptopelia turtur *bi kwalunkwe mod ieħor"* u li *"l-intimati, u l-uffiċċjali li jaħdmu fi ħdanhom, jiġu miżmuma milli b'kwalunkwe mod jagħtu effett lill-Avviż Legali 116 tas-sena 2022;"*

3. B'digriet mogħti nhar it-tnax (12) t'April 2022 il-Qorti laqgħet provviżorjament il-mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12, u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fit-tlettax (13) t'April 2022, il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministru għal Għawdex u t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi wieġbu għar-rikors tar-rikorrenti billi opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi l-oġġett li r-rikorrenti qegħdin jipprovaw iwaqqfu diġa' qiegħed fis-seħħ, u li ma jikkonkorrux l-elementi illi jeħtieġ jissussistu sabiex jintlaqa' mandat t'inibizzjoni;

5. B'rikors preżentat nhar it-tlettax (13) t'April 2022, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonijsti (VO/0306) talbet l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex tintervjeni fil-proċeduri fl-ismijiet premessi, iżda permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'April 2022, din il-Qorti ċaħdet it-talba;

6. B'rikors ieħor (minn issa 'l quddiem *"ir-rikors b'talba għal rinviju"*) preżentat fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni nhar it-tlettax (13) t'April 2022, l-għaqda rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) għal sentenza preliminari urġenti ai termini tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u dan sabiex il-QĠUE tkun tista' teluċida l-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi milqugħ il-mandat t'inibizzjoni f'dan il-mument;

7. B'risposta għar-rikors b'talba għar-rinviju preżentata mill-intimati nhar l-erbatax (14) t'April 2022, l-intimati opponew għat-talba tal-għaqda rikorrenti, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi t-talba hija waħda intempestiva, speċjalment meta konsidrat illi saret fl-atti ta' mandat kawtelatorju, u li dak illi qiegħed jiġi mitlub m'għandux x'jaqsam mal-interpretazzjoni tat-Trattati jew il-validita' u l-interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni, iżda huwa purament ta' natura proċedurali domestika;

8. Il-Qorti semgħet waqt is-seduta miżmuma llum, erbatax (14) t'April 2022, ix-xhieda ta' **Richard Lia**, Kap tat-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, mogħtija *viva-voce*, bħala prova in sostenn għar-risposta tal-intimati għar-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni;

9. Il-Qorti semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-lum, erbatax (14) t'April 2022, kemm fir-rigward tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, kif ukoll fir-rigward tar-rikors għar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

**Fatti tal-Każ**

10. Jirriżulta mill-atti u dokumenti preżentati illi nhar it-tmienja (8) t'April 2022 daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 116 tal-2002 permezz tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. L-intimati jikkontendu illi l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u l-Ministru għal Għawdex għamlu dan wara konsultazzjoni mal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, u ħadu in konsiderazzjoni r-rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis mogħtija fil-laqgħa tas-sittax (16) ta' Marzu 2022;

11. Permezz ta' dan l-Avviż Legali, infetaħ l-istaġun għall-kaċċa fir-Rebbiegħa bejn is-sbatax (17) u t-tletin (30) t'April 2022 fuq l-ispeċi t'għasfur *Streptopelia turtur*;

**It-Talbiet tal-Għaqda Rikorrenti**

(i) <u>It-Talba għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni</u>

12. L-għaqda rikorrenti, illi tiddeskrivi lilha nnifisha fir-rikors tagħha bħala *"organizzazzjoni volontarja li għandha bħala vokazzjoni il-protezzjoni tal-*

*ambjent u l-konservazzjoni tal-popolazzjoni ta' għasafar f'Malta"*, tissottometti fir-rikors tagħha illi meta l-Gvern Malti ddeċieda li jintroduċi l-Avviż Legali 116 tal-2022 bis-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa għamel dan mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti mid-Direttiva dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi) kif trasposti fil-Liġi Sussidjarja 549.42 u 549.57, bil-konsegwenza illi l-Avviż Legali 116 tal-2022 jivvjola d-dritt Ewropew. Konsegwentement, l-għaqda rikorrenti tirrileva illi bil-qafas legali illi għażel l-iStat Malti sabiex jintroduċi d-Direttiva Ewropea suriferita, il-Ministru tal-Ambjent jista' effettivament jgħaddi deroga mingħajr obbligu legali li jirregola ruħu mal-Liġi Sussidjarja 549.42 jew 549.57, u dan apparti illi m'hemm ebda possibilita' li tiġi ppreżentata quddiem il-Qrati Maltin xi forma ta' *judicial review* tad-deroga li jkun imsejjes fuq il-projbizzjoni ġenerali kontenut fir-Regolament 6 tal-Liġi Sussidjarja 549.42 jew id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Sussidjarja 549.57;

13. L-għaqda rikorrenti ssostni illi, f'dak illi jirrigwarda l-parti sostantiva tad-Direttiva suriferita, tenut kont tal-istat attwali ta' konservazzjoni tal-livell tal-poplazzjoni tal-i*Streptopelia turtur*, l-użu mill-intimati tad-deroga taħt l-artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva hija illegali, u dan peress illi, fis-sustanza tagħha, id-Direttiva Eworopea tipproteġi partikolarment l-ispeċi *Streptopelia turtur* fil-Parti B tal-Anness II tagħha, bil-konsegwenza illi tali speċi ma tistax titkaċċa fir-Rebbiegħa;

14. Skont l-għaqda rikorrenti, dan il-mandat qiegħed jintalab għaliex il-popolazzjoni tal-i*Streptopelia turtur* għandha tiġi protetta, u kwalunkwe kaċċa imposta fuqha se tkompli tikkawża deklin f'dik il-popolazzjoni;

15. Dwar id-dannu irreparabbli li se jseħħ jekk ma jintlaqax il-mandat odjern, l-għaqda rikorrenti tissottometti illi jekk jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa fuq l-ispeċi *Streptopealia turtur*, għasafar ta' din l-ispeċi se

jispiċċaw maqtula u se ssir aktar ħsara lill-popolazzjoni tal-ispeċi. Hija tgħid ukoll illi l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa jmur kontra r-rakkomandazzjonijiet tal-EU Task Force on the Recovery of Birds, li Malta għandha obbligu tieħu in konsiderazzjoni fit-tfassil ta' azzjoni kemm nazzjonali kif ukoll Ewropea għall-konservazzjoni tal-ispeċi;

16. L-għaqda rikorrenti ssemmi wkoll illi hija sejra tiftaħ proċedura fuq il-meritu illi permezz tagħha sejra titlob *"dikjarazzjoni ta' inkompatibilita' tal-Liġi Maltija mad-Direttiva u l-prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew"*, u li jekk l-għasafar jinqatlu, il-prattiċita' u l-interess ta' kawża ulterjuri għal *judicial review* tintilef;

17. Finalment, l-għaqda rikorrenti tgħid illi hija qiegħda titlob dan il-mandat bħala *interim measure*, u cioe s-sospensjoni ta' liġi illi hija inkompatibbli ma' dritt Ewropew sakemm isir *renvoi préjudiciel* ai termini tal-Artikolu 267 ta-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tippronunċja ruħha dwar il-kompatibilita' tal-Avviż Legali 116 tas-sena 2022 mad-dritt Ewropew.

(ii) <u>It-Talba għal Rinviju</u>

18. Fir-rikors b'talba għal rinviju, imbagħad, l-għaqda rikorrenti kkontendiet illi jista' jkun hemm dubju fuq jekk il-mandat odjern għandux jintlaqa' skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-għotja ta' *interim relief* minn qrati nazzjonali pendenti proċeduri li jqajmu kwestjonijiet ta' dritt Ewropew. Għaldaqstant, hija talbet lil din il-Qorti sabiex tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) għal sentenza preliminari urġenti ai termini tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex il-QĠUE tkun tista' teluċida l-kwestjoni jekk għandux jiġi milqugħ il-mandat f'dan il-mument, u dan stante li l-każ in kwestjoni si tratta dwar allegata vjolazzjoni ta' norma Ewropea, superjuri għal kwalunkwe norma ġuridika oħra ta' xejra nazzjonali. Il-mistoqsijiet illi l-għaqda rikorrenti talbet illi jitqajmu huma s-segwenti:

(i) *Jekk il-principju generali ta' protezzjoni legali effettiva rikonoxxut mid-dritt Ewropew ghandux jigi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali mitluba li tohrog mandat li jissospendi ligi nazzjonali li tiftah il-kacca fir-rebbiegha fuq speci vulnerabbli (Streptopelia turtur) ghandha takkolji l-mandat u tordna s-sospensjoni ta' dik il-ligi sakemm tigi ddikkjarata l-inkompatibilità ta' dik l-istess ligi mal-Artikolu 7(4), tielet subparagrafu tad-Direttiva 2009/147/EC tal-parlament ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll il-principji ta' prekawzjoni u proporzjonalità li fuqhom hija msejsa dik id-Direttiva?*

(ii) *Fil-kaz li r-risposta ghall-ewwel mistoqsija hija fl-affermattiv, jekk il-fatt li fl-ordni guridiku Malti hemm dubju fuq jekk qorti nazzjonali tistghax tordna s-sospensjoni tad-dispozizzjonijiet ta' ligi nazzjonali li jmorru kontra dispozizzjonijiet ta' dritt Ewropew ibiddilx dik ir-risposta,* ***tenut kont specjalment tal-prassi gudizzjarja li qatt ma nghata mandat provizorju li jissospendi ligi nazzjonali fuq allegat ikompatibilità taghha mad-dritt Ewropew****?*

(iii) *Fil-kaz li r-risposta ghat-tieni mistoqsija hija fin-negattiv, jekk il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin* ***illi ma jilqghux mandat fuq 'fatt kompjut'*** *jew fuq* ***obbligazzjoni di fare****, bhal ma hija l-promulgazzjoni ta' ligi sussidjarja mill-ministru responsabbli, ghandux ikun ta' ostakolu ghall-hrug tal-mandat li jissospendi ligi nazzjonali li tivvjola dispozizzjoni ta' dritt Ewropew?*

(iv) *Fil-kaz li r-risposti ghat-tieni u t-tielet mistoqsija huma fin-negattiv, jekk il-fatt li qorti nazzjonali tappunta bhala data ghas-smiegh definittiv tal-mandat jum li fih digà tkun saret il-*

*vjolazzjoni ta' dritt Ewropew, minghajr ma tilqa' provizorjament dak il-mandat fuq talba ex parte tar-rikorrent, jikkostitwix vjolazzjoni tal-principju ta' protezzjoni legal effettiva rikonoxxuta mill-QGUE fil-gurisprudenza taghha?*

(v) *Jekk il-fatt li se jintalab renvoi préjudiciel fil-proceduri fuq il-mertu sabiex tigi evalwata l-kompatibilità ta' ligi nazzjonali mal-Artikolu 7(4), tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/147/EC tal-parlament ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll il-principji ta' prekawzjoni u proporzjonalità li fuqhom hija msejsa dik id-Direttiva ghandux iwassal lill-qorti nazzjonali li tohrog il-mandat pendenti d-decizjoni tal-QGUE?*

19. L-għaqda rikorrenti saħqet illi din il-Qorti għandha l-obbligu illi tilqa' din it-talba, stante illi hija Qorti tal-aħħar grad in kwantu hija mitluba li tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-mandat, u m'hemm ebda rimedju in grad t'appell mid-deċiżjoni illi sejra tittieħed dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni. In oltre, sostniet l-għaqda rikorrenti b'referenza għal ġurisprudenza tal- QĠUE, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tagħmilx rinviju biss meta d-dritt tal-Unjoni pertinenti diġa' ġie interpretat mill-QĠUE, jew l-applikazzjoni korretta ta' dak id-dritt tant huwa ovvju illi m'hemm ebda lok għal dubju u ħela ta' ħin.

**Ir-Risposti tal-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża il-Ministru għal Għawdex u t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi**

(i) <u>Ir-Risposta dwar it-Talba għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni</u>

20. Fl-ewwel lok, l-intimati rrilevaw illi l-Prim Ministru m'huwiex leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, stante illi huwa ma ħareġ ebda Avviż

Legali taħt l-Att dwar il-Portezzjoni tal-Ambjent, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

21. Fit-tieni lok, l-intimati jissottomettu illi dak illi qiegħda titlob l-għaqda rikorrenti huwa illi din il-Qorti tissospendi liġi illi hija diġa viġenti, meta effettivament talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għandha tkun talba sabiex twaqqaf lill-intimati minn xi ħaġa li għadha ma seħħitx (*obbligazione di non fare*), u mhux talba sabiex tiġi revokata xi ħaġa li diġa' seħħet (*obbligazione di fare*);

22. Fit-tielet lok, f'dak illi jirrigwarda l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, l-intimati jikkontendu illi:

    a. L-għaqda rikorrenti ma tindikax preċiżament x'inhu d-dritt *prima facie* illi għandha u li jeħtieġ jiġi kawtelat. In oltre, *interim relief* japplika biss quddiem Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, u mhux quddiem din il-Qorti. L-intimati jissenjalaw illi l-Kummissjoni Ewropea, illi hija l-unika entita' bil-kompetenza illi tara jekk Stat Membru jkunx traspona liġi sew, qatt ma ressqet opinjoni motivata lill-Gvern Malti dwar it-trasposizzjoni tad-Direttiva dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi fis-sittax-il sena illi ilha hekk trasposta, u għalhekk ma jistax jingħad illi, mad-daqqa t'għajn, jidher illi hemm trasposizzjoni mhux korretta tal-liġi;

    b. L-għaqda rikorrenti ma tindikax sew in-natura tal-preġudizzju illi qed tallega li ser issofri, u li bid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 116 tal-2022 ma jista jkun ikkawżat ebda preġudizzju rrimedjabbli lill-istess għaqda rikorrenti. L-intimati jsostnu illi dak allegat mill-għaqda rikorrenti huwa intiż esklussivament biex jiżgwida lil din il-Qorti, stante illi d-deroga li daħlet fis-seħħ se taffettwa biss wieħed fil-mija tal-popolazzjoni ta' gamiem lokali, liema popolazzjoni, skont l-intimati hija waħda stabbli;

c. Dwar l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12, l-intimati jemfasizzaw illi: (a) dak illi qiegħda tipprova twettaq l-għaqda rikorrenti diġa' sar, stante illi d-disposizzjoni tal-Avviż Legali 116 tal-2022 diġa' daħlu fis-seħħ. Kosegwentement, għalhekk, l-ewwel element ai termini tal-Artikolu 873(3) ma jirriżultax sodisfatt; u (b) f'dak illi jirrigwarda preġudizzju sproporzjonat, l-għaqda rikorrenti b'ebda mod ma wriet x'inhi l-ħsara li hija ser issofri fl-eventwalita' illi ma jintlaqax il-mandat odjern. Konsegwentement, għalhekk, lanqas jirriżulta sodisfatt it-tieni element ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12.

(ii) <u>Risposta dwar it-Talba għal Rinviju</u>

23. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda t-talba tal-għaqda rikorrenti għal rinviju quddiem il-QĠUE, l-intimati sostnew illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bħala frivoli, vessatorji u infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi t-talba hija waħda intempestiva, aktar u aktar meta wieħed iqis illi din saret fl-atti ta' mandat kawtelatorju illi jitlob illi attur jipproċedi b'kawża fi żmien għoxrin (20) ġurnata u jorbot lil din il-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni fi żmien xahar min-notifika lill-partijiet tar-rikors bit-talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni;

b. Illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huwa bbażat fuq premessa infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi r-rikorrenti qed jitilqu bi preżunzjoni illi d-Direttiva 2009/147KE ġiet trasposta ħażin, fatt illi l-intimati jsostnu illi mhux minnu. L-intimati jtennu illi mhux il-kompitu tal-għaqda rikorrenti illi tgħid jekk liġi ġietx trasposta sew jew le, iżda dan il-kompitu jaqa' fil-mansjoni tal-Kummissjoni Ewropea li għandha l-kompitu li tissalvagwardja t-Trattati tal-Unjoni Ewropea, liema Kummissjoni, sal-lum, għadha ma fetħet ebda azzjoni kontra Malta dwar traspożizzjoni ħażina tad-Direttiva dwar l-Għasafar Selvaġġi;

c. Illi l-Artikolu 267(1) TFEU jagħmilha ċara illi referenza preliminari għandha ssir biss meta quddiem qorti nazzjonali tqum kwestjoni dwar it-tifsir tat-Trattati tal-Unjoni, jew dwar il-validita' jew it-tifsir ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni, u dan japplika kemm fir-rigward ta' Qrati tal-Ewwel Istanza, kif ukoll fir-rigward ta' Qrati tal-Appell. In oltre, anke f'kuntest ta' Qorti tal-Appell, talba għal referenza preliminari għandha tintlaqa' biss jekk il-Qorti nazzjonali tqis illi huwa hekk neċessarju. Għalhekk deċiżjoni għal rinviju hija deċiżjoni esklussivament ta' din il-Qorti;

d. Illi d-domanti proposti m'għandhomx x'jaqsmu mal-interpretazzjoni tat-Trattati jew il-validita' u l-interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni, u dak illi qed tipproponi l-għaqda rikorrenti huwa li tiġi mistħarrġa proċedura illi hija purament ta' natura proċedurali u nazzjonali;

e. Illi mandat t'inibizzjoni ma jistax jitqies bħala *"kawża prinċipali"* hekk kif imniżżel fir-rakkomandazzjonijiet tal-QĠUE lill-qrati nazzjonali dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari. Difatti l-Artikolu 843(1) tal-Kap 12 jagħmilha ċara illi rikorrenti għandu jressaq il-kawża fil-mertu fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat.

**Il-Qorti**

24. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

25. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward ir-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni u r-rikors b'talba għal rinviju fl-atti tal-istess mandat fis-seduta tal-lum, erbatax (14) t'April 2022;

26. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Talba għal Rinviju imressqa minn BirdLife Malta**

27. Din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza t-talba għal Rinviju kontenuta fir-rikors ta' BirdLife Malta magħmula fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni, u dan peress illi huwa skont din id-deċiżjoni illi għandu jiġi determinat jekk ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni għandux jiġi kkunsidrat u degretat minn din il-Qorti jew le;

28. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

   a. Il-proċedura odjerna hija proċedura illi saħansitra anke mid-dispożizzjonijijiet tal-Kap 12 stess jirriżulta illi hija waħda illi għandha tiġi trattata b'urġenza. L-Artikolu 875(3) jistabbilixxi illi l-Qorti għandha tiddeċiedi rikors għal mandat t'inibizzjoni *"fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn xahar mill-ġurnata li ġie preżentat u maħluf il-mandat u l-partijiet ġew debitament notifikati"*. Saħansitra anke t-terminu għal risposta huwa wieħed ridott, u cioe massimu ta' għaxart ijiem, bil-possibilita' illi l-Qorti tirriduċi l-istess perjodu (Artikolu 875(1));

   b. Id-deċiżjoni f'rikors għal mandat t'inibizzjoni mhix deċiżjoni finali dwar mertu, iżda għandha sempliċiment tkun sodisfatta illi *"il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet"*. Difatti, Artikolu 843(1), illi jsib applikazzjoni għall-mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 876A, jistabbilixxi illi, *"Ir-rikorrenti għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat"*. Li kieku d-deċiżjoni mogħtija fl-atti ta' mandat t'inibizzjoni kienet waħda finali dwar il-mertu, ma kienx ikun hemm għalfejn rikorrent jiftaħ l-hekk imsejħa *"kawża għall-jedd"*;

   c. Hekk kif ser jiġi spjegat f'aktar dettall aktar 'il quddiem f'dan id-digriet, il-mansjoni tal-Qorti f'dan l-istadju hija limitata ferm, u dan

preċiżament minħabba illi l-proċedura għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni hija waħda illi għandha tiġi trattata b'urġenza, u minħabba illi d-deċiżjoni f'rikors għal mandat t'inibizzjoni ma tindirizzax kwestjonijiet dwar mertu, iżda tagħti possibilta' lil rikorrent sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu b'mod provviżorju sakemm tiġi deċiża kawża fil-mertu;

29. L-Artikolu 267 TFEU, illi fit-termini tiegħu tixtieq illi jsir ir-rinviju l-għaqda rikorrenti, jistabbilixxi illi:

> *The Court of Justice of the European Union shall have jurisdiction to give preliminary rulings concerning:*
>
> *(a) The interpretation of the Treaties;*
>
> *(b) The validity and interpretation of acts of the institutions, bodies, offices or agencies of the Union;*
>
> *Where such a question is raised before any court or tribunal of a Member State, that court or tribunal may, if it considers that a decision on the question is necessary to enable it to give judgment, request the Court to give a ruling thereon.*
>
> *Where any such question is raised in a case pending before a court or tribunal of a Member State against whose decisions there is no judicial remedy under national law, that court or tribunal shall bring the matter before the Court.*
>
> *If such a question is raised in a case pending before a court or tribunal of a Member State with regard to a person in custody, the Court of Justice of the European Union shall act with the minimum of delay.*

30. Fl-ewwel lok, l-għaqda rikorrenti qiegħda ssostni illi din il-Qorti hija *"a court or tribunal of a Member State against whose decisions there is no judicial remedy under national law"*, stante illi minn deċiżjoni rigward il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni m'hemmx dritt t'appell;

31. Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-għaqda rikorrenti. L-Artikolu suċitat speċifikament jagħmel referenza għal *"case pending"*. Il-proċeduri odjerni m'humiex proċeduri ordinarji fil-kontenzjuż dwar il-mertu, u cioe kawża pendenti, iżda huma proċeduri straordinarji u sommarji illi jirrikjedu biss eżami fuq bażi *prima facie* indipendentement mill-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Saħansitra anke l-***Information Note on References from National Courts for a Preliminary Ruling*** **(2009/C 297/01)**[1] tgħid:

> *19. It is, however, desirable that a decision to seek a preliminary ruling should be taken when the national proceedings have reached* ***a stage at which the national court is able to define the factual and legal context of the question****, so that the Court of Justice has available to it all the information necessary to check, where appropriate,* ***that European Union law applies to the main proceedings****. It may also be in the interests of justice to refer a question for a preliminary ruling only after both sides have been heard.*[2]

32. Huwa evidenti għalhekk illi referenzi ta' din ix-xorta **ma jistgħux jingħataw fi proċeduri bħal dawk odjerni, illi ma jirrigwardawx il-mertu ta' vertenza bejn il-partijiet**. Difatti, dan kien ir-raġunament tal-QĠUE fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hoffmann-La Roche v. Centrafarm Vertriebsgesellschaft Pharmazeutischer Erzeugnisse mbH***[3]

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:C2009/297/01&from=EN
[2] Emfasi miżjuda minn din il-Qorti.
[3] Case 107/76 [1977] ECR 957

> *Thus the answer to the question referred must be that the third paragraph of Article 177 of the EECTreaty* [illum l-Artikolu 267TFEU] *must be interpreted as meaning that a national court or tribunal is not required to refer to the Court a question of interpretation or of validity mentioned in that article when the quesiton is raised in interlocutory proceedings for an interim order (einstweilige Verfügung), even where no judicial remedy is available against the decision to be taken in the context of those proceedings provided that each of the parties is entitled to institute proceedings or to require proceedings to be instituted on the substance of the case and that during such proceedings the question provisionally decided in the summary proceedings may be re-examined and may be the subject of a reference to the Court under Article 177.*

33. Il-proċeduri odjerni jinkwadraw ruħhom perfettament fiċ-ċirkostanzi delineati f'dan l-insenjament, stante illi huma proċeduri illi minnhom m'hemmx appell, iżda jirrikjedu illi tiġi intavolata kawża sabiex jiġi deċiż il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet (*"substance of the case"*);

34. Fit-tieni lok, f'dak illi jirrigwarda n-natura tal-mistoqsijiet illi jistgħu jiġu nklużi f'referenza preliminari lill-QĠUE, l-***Information Note*** illi għaliha saret referenza aktar 'il fuq tistabbilixxi illi:

> *7. Under the preliminary ruling procedure, the Court's role is* ***<u>to give an interpretation of European Union law or to rule on its validity</u>****, not to apply that law to the factual situation underlying the main proceedings, which is the task of the national court. It is not for the Court either to decide issues of fact raised in the main proceedings or to*

> *resolve differences of opinion on the interpretation or application of rules of national law.*[4]

Fil-każ in eżami, il-mistoqsijiet proposti mill-għaqda rikorrenti jirrigwardaw l-applikabilita' tal-proċedura tal-mandat t'inibizzjoni, u cioe proċedura fil-liġi domestika, għal ċirkostanzi fejn qed tiġi kontestata t-trasposizzjoni ta' liġi Ewropea fil-liġi domestika. Dan ċertament la huwa punt dwar interpretazzjoni ta' Liġi tal-Unjoni Ewropea, u wisq u wisq anqas punt dwar il-validita' ta' Liġi tal-Unjoni Ewropea. Il-mistoqsijiet jiċċentraw kollha dwar il-proċedura tal-mandat t'inibizzjoni, u cioe proċedura regolata unikament fil-liġi domestika, u dwar jekk jistax jiġi deċiż mandat t'inibizzjoni ai termini tal-liġi domestika pendenti proċeduri rigward it-trasposizzjoni ta' liġi Ewropea fil-liġi domestika. Huwa ċarissimu għalhekk illi, anke li kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha taċċetta t-talba għal rinviju kif dedotta fir-rikors tal-għaqda rikorrenti, effettivament il-mistoqsijiet kif proposti xorta waħda m'humiex mistoqsijiet illi jistgħu jsiru ai termini tal-Artikolu 267 TFEU;

35. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad l-ewwel talba</u>** kif dedotta fir-rikors b'talba għal rinviju ta' BirdLife Malta, u konsegwentement għalhekk **<u>tiċħad ukoll it-tieni u t-tielet talba</u>** kif dedotti fl-istess rikors.

### Konsiderazzjonijiet dwar *Interim Measure*

36. Din il-Qorti tħoss illi għandha tindirizza l-fatt illi l-għaqda rikorrenti qed tippreżenta r-rikors odjern bħala *"mandat t'inibizzjoni għal interim relief"*[5];

37. Filwaqt illi huwa minnu illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Marion Pace Axiaq et noe vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** ċitata mill-għaqda rikorrenti, kien ġie senjalat illi *"Il-liġi domestika taħseb għal interim measures: insejħulhom mandati kawtelatorji"*, din il-Qorti tinnota illi:

[4] Emfasi miżjud minn din il-Qorti.
[5] Vide rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, paġna 2

a. B’kuntrast mal-każ in eżami, dik il-kawża kienet tirrigwarda allegata leżjoni ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u ċ-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Difatti t-talba għal *interim measure* saret quddiem il-Qorti Ċivili (Prim’Awla) Sede Kostituzzjonali, u mhux quddiem din il-Qorti. Konsegwentement, dak illi kien qiegħed jiġi diskuss ma kienx xi dritt ordinarju fil-kamp ċivili bħal dak odjern, iżda kien dritt fundamentali fil-kamp kostituzzjonali;

b. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza suċitata u fil-bran ċitat, affermat preċiżament illi tissussisti differenza bejn talba għal *interim measure* u mandat kawtelatorju. Difatti, fil-paragrafu sussegwenti għal dak ċitat mill-għaqda rikorrenti, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet illi,

   > *13. Fil-każ tallum dak li riedu l-atturi bħala interim measure huwa li jwaqqfu lill-gvern milli jaħtar imħallfin jew maġistrati ġodda sakemm tinqata’ l-kawża; din hija ħaġa li jaħseb għaliha l-mandat t’inibizzjoni, u ma kien hemm xejn li jżomm lill-atturi milli jfittxu dak ir-rimedju, ukoll jekk jippreferixxu jsejħulu interim measure flok mandat kawtelatorju.*

   Dak illi kienet qiegħda tissenjala l-Qorti tal-Appell (Superjuri) għalhekk kien preċiżament illi hemm distinzjoni bejn il-proċedura tal-mandat t’inibizzjoni, u l-proċedura illi permezz tagħha wieħed jitlob għal *interim measure*. Ir-rikorrenti kienu għażlu illi jressqu talba għal *interim measure*, meta effettivament kellhom jirrikorru għall-proċedura tal-mandat t’inibizzjoni. Li kieku ma kienx hemm distinzjoni bejn it-tnejn, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ma kinitx ser tittratta dawn iż-żewġ proċeduri b’dan il-mod, iżda kienet tittrattahom bħala proċedura waħda;

Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi ma tistax tikkonsidra t-talba odjerna bħala *"mandat t'inibizzjoni għal interim relief"*, u dan stante illi: (i) il-każ odjern ma jittrattax dwar leżjoni ta' drittijiet fundamentali, iżda si tratta dwar drittijiet fil-kamp ċivili; (ii) din il-Qorti mhix Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, u għaldaqstant hija ġeneralment prekluża milli tagħti provvedimenti dwar *interim relief*; u (iii) il-mandat t'inibizzjoni u talba għal *interim relief* huma żewġ proċeduri distinti illi ma jistgħux jitqiesu bħala proċedura waħda;

38. Din il-Qorti tissenjala wkoll illi, hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali***[6]:

> *Għalhekk huwa ċar illi dak li trid tiddetermina l-Qorti m'huwiex jekk hemmx bżonn illi jingħataw miżuri provviżorji "... sabiex jissalvagwardjaw u jipproteġu l-inkoluminita' fiżika tal-individwu f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni" kif argumentat mill-Avukat Ġenerali, iżda skont ir-rassenja ta' ġurisprudenza hawn fuq diskussa, il-Qorti għandha tqis li, ikun xi jkun id-dritt kostituzzjonali jew konvenzjonali invokat mir-rikorrenti, hija għandha tiddetermina:*
>
> 1. ***l-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti,***
> 2. ***li r-rikorrenti isofri dannu rreparabbli bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tiegħu; u***
> 3. ***li m'hemm l-ebda rimedju ordinarju ieħor a disposizzjoni għar-rikorrent.***
>
> *[...]*

[6] Rik Nru 85/2017/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima, 14 ta' Diċembru 2017 (in ġudikat)

*Għalkemm kif diġa' ntqal, il-Qorti ma taqbilx illi interim measures għandhom jingħataw biss għas-salvagwardja tal-ħajja jew l-inkolumnita' fiżika ta' persuni suġġetti għal deportazzjoni, estradizzjoni jew espulsjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt illi interim measures għandhom jiġu mogħtija f'każijiet fejn verament huma neċessarji għat-tutela effettiva tad-drittijiet fondamentali, biex jiġi żgurat illi s-sentenza finali tal-Qorti tkun effettiva. [...]*

Huwa evidenti, għalhekk, illi miżuri provviżorji, jew *interim relief*, jingħataw biss f'każijiet eċċezzjonali illi jkunu jirrigwardaw xi forma ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali, u mhux ċirkostanzi fil-każ odjern. L-istess ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali***[7]:

*Skont il-Factsheet, interim measure hija proċedura minnha nnfisha eċċezzjonali. Tingħata biss fil-każi fejn tirriżulta* an imminent risk of irreparable harm.

*F'miżura li per se hija eċċezzjonali, huwa biss eċċezzjonalment li* interim measure *tiġi applikata fil-każ ta' allegati vjolazzjonijiet tal-Art 6 u tal-Art 8 tal-Konvenzjoni.*

*[...]*

***Tajjeb jingħad illi talba għall-għoti ta' interim measure ma tistax tkun ekwiparata bħal donnu tixbaħ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni***. [8]

39. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti mhix sejra tqis it-talba tal-għaqda rikorrenti bħala talba għal *interim relief* ossia *interim measure*, iżda, tenut kont tal-forma illi fiha saret it-talba fil-każ odjern, din il-Qorti

[7] Rik Nru 17/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 4 t'April 2017 (in ġudikat)
[8] Emfasi ta' din il-Qorti

sejra tikkonsidraha taħt il-qafas tal-proċedura għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-Eċċezzjoni Preliminari tal-Intimati**

40. Din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tindirizza l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati kif delineata fil-paragrafu 9 tar-risposta tagħhom għar-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u cioe illi l-Prim Ministru m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni stante illi huwa ma ħareġ ebda Avviż Legali taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

41. Eċċezzjoni preliminari simili ngħatat fil-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited vs Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura***[9] u din il-Qorti kif diversement presjeduta rrilevat:

> *Il-Qorti tagħraf illi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari bħal ma hi l-eċċezzjoni fuq il-leġittimu kontradittur "m'humiex, ġeneralment, ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak"* [***JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti et***, Mandat Nru 977/2012 JRM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Lulju 2012]. *L-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari huma kwistjonijiet solitu mħollija għal Qorti li tkun vestita bl-eżami tal-kwistjoni fuq il-mertu. Dan magħdud, din il-Qorti pero' tagħraf li ġurisprudenza m'hijiex waħda konsistenti fuq din il-materja* [Ara ***Rosette Thake et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***, Mandat Nru

[9] Mandat t'Inibizzjoni Nru 49/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 7 ta' Frar 2020

> 545/2016 JPG, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 10 ta' Mejju 2016. Ara wkoll ***Park Hotel Ltd et vs Malta Tourism et***, Mandat Nru 799/2019 RGM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 1 ta' Lulju 2019].
>
> *In vista ta' dan il-Qorti sejra brevement teżamina l-eċċezzjoni preliminari qabel tidħol fil-meritu tal-mandat mitlub.*

Il-Qorti kkunsidrat illi minn qari tat-talba u d-dokumenti prodotti mis-soċjeta' rikorrenti, ma kienx jirriżulta xi involviment tal-Avukat tal-Istat, u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju;

42. Hekk ġara wkoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Duncan Robinson vs Teewinot Marine Malta Limited***[10]**,** fejn, minkejja illi l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu kemmxejn differenti minn dawk tal-każ odjern, il-Qorti rinfaċċjata b'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kellha tiddeċiedi dwar eċċezzjoni ta' natura preliminari rigward il-*locus standi* tal-intimat. Din il-Qorti kif diversement presjeduta allaċċjat id-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari mal-element tal-*prima facie* illi ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem, u sostniet:

> *Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, ikkonsidrat li r-rikorrent għandu jipprova, almenu prima facie li għandu jedd x'jinvoka kontra l-intimat eżekutant. Mhuwiex biżżejjed li juri li għandu dritt tutelabbli, imma li dak id-dritt huwa tutelabbli kontra min hu debitur tiegħu.* ***Fin-nuqqas, l-intimat ma jkunx il-leġittimu kontradittur tal-mandat****. Ovvjament huwa biżżejjed li dan in-ness giuridiku jissussisti mad-daqqa t'għajn għaliex din il-Qorti hija prekluża milli tindaga b'mod aktar approfondit dak li jispetta lill-Qorti adita mill-kawża.*

[10] Rik għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 637/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 10 ta' Ġunju 2019 (emfasi miżjud minn din il-Qorti)

43. Fil-każ odjern, jidher illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tattakka deroga magħmula ai termini tal-Artikolu 54 u 55 tal-Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-istess Artikolu 54, huwa l-Ministru responsabbli għall-Ambjent (u cioe, illum responsabbli għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża) illi jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu, filwaqt illi ai termini tal-Artikolu 55, il-Ministru għandu jikkonsulta mal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi qabel joħroġ tali regolamenti. Skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis u tad-deċiżjonijiet tal-Ministru dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42[11], filwaqt illi l-Ministru għal Għawdex huwa l-Ministru illi llum huwa responsabbli għall-istess Taqsima;

44. Tenunt kont tal-premess, filwaqt illi, considerando l-materja illi dwarha jittratta r-rikors odjern, l-għaqda rikorrenti jista' eventwalment f'dan id-digriet jirriżulta illi għandha xi dritt *prima facie* fir-rigward tal-intimati Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, Ministru għal Għawdex u Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, huwa evidenti illi l-Onorevoli Prim Ministru **ma jiċċentra mkien** fil-proċedura ta' deroga illi qiegħda tiġi kontestata mill-għaqda rikorrenti, u li għalhekk żgur illi l-għaqda rikorrenti ma tista tavvanta l-ebda pretensjoni fil-konfront tiegħu;

45. Għaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-intimati f'dan ir-rigward u tqis illi l-Onorevoli Prim Ministru m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni. Konsegwentement qiegħda **tillibera lill-Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-ġudizzju**.

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni**

46. F'dak illi jirrigwarda t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, issir fl-ewwel lok referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-*

[11] Vide Regolament 11.

*iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

47. Peress illi l-mandat odjern ġie intavolat kontra l-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministeru għal Għawdex u t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, għandu japplika wkoll għall-każ in eżami dak stabbilit fis-sub-inċiż tlieta (3) tal-Art 873, u cioe:

> *Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

48. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta (3) huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi l-għaqda rikorrenti għandha xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi l-għaqda rikorrenti qed tippretendi illi għandha;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi l-għaqda rikorrenti qiegħda titlob illi l-intimati jiġu inibiti milli jagħmlu, jaf jikkawża preġudizzju lill-għaqda rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

49. In oltre, f'talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, jeħtieġ illi jiġu sodisfatti żewġ elementi oħra:

a. Dikjarazzjoni illi l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lill-għaqda rikorrenti ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tipprova żżomm milli sseħħ.

50. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[12]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

[12] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

51. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[13]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

52. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[14]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li*

[13] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff
[14] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

53. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrent, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

54. Minkejja l-fatt illi fil-każ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali ġurisprudenza kostanti tgħallem illi l-preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddjiet tar-rikorrent għandu jkun wieħed irrimedjabbli, dan mhux il-każ f'mandat t'inibizzjoni mitlub kontra l-Gvern jew awtorita' pubblika mwaqqfa mill-Kostituzzjoni, jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha. Difatti, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Vitus Chibuihe Ohanebo et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer***:

*Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun* **sproporzjonat**. *Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;*[15] (emfasi miżjuda)

[15] Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef. Ara wkoll ***Noureddin Guma Hamid vs Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni***, Mandat Nru

55. In oltre, minbarra dawn il-ħames elementi kif appena elenkati, il-Qrati nostrana, fosthom din il-Qorti stess kif presjeduta, konsistentement abbraċċjaw il-prinċipju illi mandat t'inibizzjoni ma jistax jinħareġ fejn it-talba tkun tikkonsisti f'*obbligazione di fare*, iżda jista' jinħareġ biss fejn it-talba tkun tirrigwarda *obbligazione di non fare*. Hekk per eżempju ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Water Leisure Limited et vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta***[16]

> *20. Huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma tagħtix lok għal specific performance, iżda għal rimedji oħrajn. Wara kollox, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni di non fare u mhux di fare (ara* ***Michael Rizzo et v. Demar Properties Ltd****, Prim'Awla Qorti Ċivili tad-19 ta' Ġunju 2017 u* ***Carmelo Zerafa v. Nicola Buhagiar****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 t'April 1958);*

Difatti, minnu nnifsu stess, l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jgħid illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li* ***<u>jżomm persuna milli tagħmel</u>*** *kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat."*[17] Konsegwentement isegwi wkoll illi mandat t'inibizzjoni ma jistax jinħareġ f'każijiet fejn l-att illi qed jintalab illi jiġi inibit ikun diġa' twettaq, stante illi d-diċitura stess tal-istess Artikolu kif emfasizzata minn din il-Qorti tindika b'mod ċar illi l-att illi jkun qiegħed jintalab illi jiġi inibit <u>irid ikun għadu ser iseħħ</u>;

---

860/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 19 ta' Ġunju 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; ***Kevin Micallef vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, Mandat Nru 1731/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 24 ta' Novembru 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; u ***Geoffrey Azzopardi et vs Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 121/2021/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 23 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

[16] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1208/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 30 t'Awwissu 2021

[17] Ara d-digriet mogħti minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet ***Giovanna Camilleri vs Fal-Con Limited***, Mandat t'Inibizzjoni Nru 1619/2021, 19 ta' Novembru 2021

56. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, fosthom mid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Sultana vs Sultana*** suċitat, illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[18]

57. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

## A. L-Att illi qed jintalab illi jiġi inibit irid ikun għadu ma twettaqx

58. Ir-Regolament numru 3 tal-Avviż Legali 116 tal-2022 jistabbilixxi, *inter alia,* illi:

> *[...] Il-perjodu tal-kaċċa għall-Gamiem fir-rebbiegħa tas-sena 2022, għandu jkun mis-17 ta' April sat-30 ta' April 2022, iż-żewġ dati nklużi, minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar.*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jieqfu milli jkollhom effett u l-ebda attivita' ta' kaċċa ma għandha tkun permessa fil-każ li l-Ministru jordna, b'avviż*

[18] Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

*fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data speċifikata mill-Ministru.*

59. It-talba tal-għaqda rikorrenti hija sabiex *"tordna s-sospensjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet kollha tal-Avviż Legali 116 tas-sena 2022"*, inkluż ir-Regolament suċitat;

60. Din il-Qorti tosserva illi din hija talba għal *specific performance par excellence*. Dak illi qiegħda titlob l-għaqda rikorrenti lil din il-Qorti huwa sabiex:

    a. tissospendi l-applikazzjoni ta' liġi illi diġa hija *in vigore*; u

    b. tordna lill-intimati sabiex jagħmlu xi ħaġa, u mhux sabiex jiġu inibiti milli jagħmlu xi ħaġa illi għadha ma seħħitx;

61. Jirriżulta b'mod ċar mill-Avviż Legali 116 tal-2022 illi għalkemm l-istaġun tal-kaċċa huwa ġeneralment, *in common parlance*, kunsidrat bħala *"miftuħ"* jew *"magħluq"*, effettivament l-Avviż Legali 116 tal-2022 huwa att dikjaratorju, u cioe jistabbilixxi d-dati meta ser tkun awtorizzata l-kaċċa tat-tajr; iżda ġia ladarba l-att huwa promulgat, l-att min-naħa tal-intimati ġia seħħ u d-dati huma diġa stabbiliti. Konsegwentement isewgi illi m'hemm l-ebda azzjoni illi din il-Qorti tista' tinibixxi, stante illi **l-azzjoni saret mill-intimati mal-promulgazzjoni tal-Avviż Legali 116 tal-2022 illi huwa diġa fis-seħħ**;

62. Żgur, ukoll, lanqas tista' din il-Qorti, fil-mansjoni limitata tagħha fil-proċeduri odjerni, tirrendi l-istess Avviż Legali *"bla ebda effett fil-fatt u fil-liġi"*. Dan huwa punt illi jiġi diskuss f'każwa fil-mertu, u hija talba illi tista' biss quddiem Qorti illi tkun qiegħda tiddeċiedi fil-mertu. Żgur, iżda, illi tali talba ma tistax tiġi akkolta fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni;

63. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti taqbel mal-intimati in kwantu jissottomettu illi l-mandat t'inibizzjoni ma jistax jiġi milqugħ in konsiderazzjoni tat-talbiet kif fih dedotti;

64. Din il-Qorti tista' tieqaf hawn, iżda, għall-fini tal-kompletezza u mingħajr preġudizzju għall-konsiderazzjonijiet suesposti, sejra xorta waħda tgħaddi sabiex tindaga jekk effettivament jissussistux l-elementi l-oħra rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-mandat t'inibizzjoni:

## **B. L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi l-Għaqda Rikorrenti għandha jedd *prima facie***

65. Din il-Qorti hija bir-rispett kollu dovut tal-fehma illi l-għaqda rikorrenti ma rnexxiliex tipprova illi għandha xi jedd oġġettiv illi, mad-daqqa t'għajn, hija għandha x'tikkawtela. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-rikors tal-għaqda rikorrenti, liema rikors kien dettaljat u joffri esposizzjoni ċara tal-ilment tal-għaqda rikorrenti fil-konfront tal-intimati fil-mertu, u ta' dak illi l-għaqda rikorrenti tista' faċilment tfittex f'kawża fil-mertu; iżda, madanakollu, din il-Qorti tosserva illi l-għaqda rikorrenti naqset milli tistabbilixxi x'inhu eżattament il-jedd *prima facie* illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tfittex illi tikkawtela bil-proċeduri odjerni;

66. Jiġi senjalat illi jekk, għall-grazzja tal-argument, u milli tista' tikkonstata bi ftit estensjoni tal-immaġinazzjoni din il-Qorti, il-jedd *prima facie* illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tippretendi illi għandha, huwa sabiex titlob dikjarazzjoni illi l-Avviż Legali 116 tal-2022 huwa illegali għaliex jivvjola l-liġi Ewropea, din il-Qorti mhix qiegħda tara kif ordni sabiex jiġu sospiżi l-effetti u l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 116 tal-2022 hija neċessarja sabiex jiġi kawtelat l-istess dritt, u cioe kif huwa meritat il-ħruġ ta' miżura straordinarja u estrema f'mandat t'inibizzjoni;

67. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-għaqda rikorrenti rnexxielha tipprova illi jissussisti *fumus boni juris* illi a bażi tiegħu din il-Qorti tista' tgħaddi sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern;

68. Konsegwentement jirriżulta lil din il-Qorti **<u>illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi jissussisti l-ewwel rekwiżit sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni</u>**.

**<u>C. It-Tieni Element rikjest għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni</u>**

69. Fin-nuqqas ta' mill-inqas wieħed mill-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, liema elementi għandhom jissussistu b'mod kumulattiv u mhux alternattiv, din il-Qorti għandha bażi suffiċjenti fuqhiex tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni; iżda, għall-fini ta' kompletezza, din il-Qorti sejra xorta waħda tindirizza t-tieni element, u cioe illi l-mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tal-għaqda rikorrenti;

70. Mingħajr preġudizzju għall-fatt illi ma rriżultax lil din il-Qorti illi l-għaqda rikorrenti għandha xi jedd *prima facie* x'tikkawtela, hekk kif diġa ġie senjalat fir-rigward tal-ewwel element, din il-Qorti mhix konvinta illi l-mandat t'inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jiġi kawtelat xi dritt *prima facie* tal-għaqda rikorrenti. Hekk kif senjalaw tajjeb l-intimati fir-risposta tagħhom, irrispettivament milli tintlaqax jew le it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, l-intimati dejjem ser jibqgħalhom il-possibilta' illi jattakkaw it-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi domestika permezz ta' kawża fil-mertu fil-forum appositu, u dan, minnu nnifsu, **<u>jirrendi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni</u>**.

**<u>D. It-Tielet u l-Ħames Elementi rikjesti għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni</u>**

71. Il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iż-żewġ rekwiżiti taħt kappa waħda, stante illi hija tal-fehma illi jimmeritaw indaġini waħda considerando illi ż-żewġ elementi jirrigwardaw l-element ta' preġudizzju;

72. Il-preġudizzju irrimedjabbli illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tikkontendi illi ser jiġi kkawżat lilha jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, jidher illi huwa l-ħsara li tista' ssir lill-popolazzjoni tal-ispeċi *Streptopelia turtur* fil-każ illi ma jiġux sospiżi l-effetti tal-Avviż Legali 116 tal-2022;

73. Fl-ewwel lok din il-Qorti tfakkar illi l-grad ta' preġudizzju illi għandu jissussisti fil-mandat odjern mhux neċessarjament għandu jkun irrimedjabbli, iżda biżżejjed illi jkun sproporzjonat, u dan in vista illi l-intimati huma awtoritajiet pubbliċi;

74. Fit-tieni lok, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport anness mar-risposta tal-intimati għar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni (**Dok A**), senjatament għall-konklużjonijiet dwar l-ispeċi *Streptopelia turtur*, u tosserva illi:

> *Based on the latest Article 12 reporting cycle (2013-2018),* ***the Turtle-dove reference population improved its short-term trend status from Decreasing to Stable*** *(Min. Pairs:- 0.30%; Max. Pairs: -0.39%) and remained* ***Stable in the long-term trend*** *(Min. Pairs: -0.32%; Max. Pairs: -0.36%). During the previous reporting cycle (2008-2013), the decrease in the short-term trend of Malta's reference population was as follows: Min. Pairs: -13.02%; Max. Pairs: -10.61%. Thus,* ***in the short-term, the reference population increased by 12.7% (Min. Pairs) and 10.25% (Max. Pairs)****. However, it should be noted that* ***more than half the reference population (55%) is decreasing in the short-term trend****. In the long-term, the majority of the reference population (81%) is either decreasing (36%) or has an unknown trend (45%) but the overall trend remained stable at -0.32% in the minimum number of breeding pairs and -0.36% in the maximum number of breeding pairs. When compared with the previous trends (for Article 12 reporting period 2008–*

> *2012), this equates to an increase of 11.73% [(- 0.32%) – (-12.05%)] in the minimum number of breeding pairs and an increase of 15.31% [(- 0.36%) – (-15.67%)] in the maximum number of breeding pairs.*

75. In oltre, hekk kif jissenjalaw l-intimati fir-risposta tagħhom, fit-tabella numru 13 fl-istess rapport, il-post minn fejn l-aktar li jpassi gamiem lejn Malta huwa mill-Italja (46.5%), fejn il-popolazzjoni tal-gamiem hija dikjarata bħala *Stable* fix-*short-term*, u *Increasing* fil-*long-term*;

76. Meta wieħed imbagħad jikkonsidra illi skont l-Avviż Legali 116 tal-2022 il-kwota hija ta' elf u ħames mitt (1,500) gamiema bħala n-numru **totali** ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorita' tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien, u considerando wkoll illi, skont it-tabella 13 fir-rapport suriferit *minimum number of breeding pairs* huwa 150,000, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-preġudizzju illi jista' jiġi arrekat fil-każ illi din it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ma tintlaqax, la huwa sproporzjonat, u lanqas huwa irrimedjabbli. Dan tenut kont ukoll tal-fatt illi, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, jekk l-ilment tal-għaqda rikorrenti effettivament huwa illi t-trasposizzjoni tad-Direttiva Ewropea fil-liġi domestika saret ħażin, xejn m'hu jimpedixxi lill-għaqda rikorrenti milli tieħu azzjoni fil-mertu sabiex tattakka l-liġi illi hija qiegħda ssostni illi qed tippreġudika d-drittijiet tagħha;

77. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi **lanqas jissussistu sodisfaċentement pruvati t-tielet u l-ħames elementi għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kif rikjest**;

**E.Ir-Raba' Element għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni**

78. Finalment, fir-rigward tar-rekwiżit illi għandha ssir dikjarazzjoni li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li se ssir, din il-Qorti tinnota illi mhux talli din id-dikjarazzjoni ma saritx, iżda talli, hekk kif diġa

ġie senjalat u spjegat fid-dettall aktar 'il fuq, il-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma **effettivament diġa' saret**;

79. Għaldaqstant din il-Qorti tissenjala illi **lanqas jissussisti r-raba' rekwiżit sabiex tintlaqa' talba in eżami għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni**.

**Decide**

80. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad it-talbiet kif dedotti** fir-rikors b'talba għar-rinviju ta' BirdLife Malta;

ii. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-tnax (12) t'April 2022; u konsegwentement

iii. **Tiċħad it-talba kif dedotta** fir-rikors ta' BirdLife Malta datat ħdax (11) t'April 2022.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra BirdLife Malta.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Gimgha 15 t'April 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**